Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,856, 27 ta' Ottubru, 1999
Taqsima B

A.L. 177 ta' l-1999

ATT TA' L-1994 DWAR IL-KOMPETIZZJONI (ATT NRU. XXXI TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Eżenzjonijiet Ġenerali għal Ftehim ta' Distribuzzjoni Esklużiv

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kompetizzjoni, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Eżenzjonijiet Ġenerali għal Ftehim ta' Distribuzzjoni Esklużiv, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Eżenzjonijiet Ġenerali għal Ftehim ta' Distribuzzjoni Esklużiv, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 149 ta' l-1996.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fil-31 ta' Ottubru, 1999" għandhom jidħlu l-kliem "fil-31 ta' Ottubru, 2000".